# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru 1573

Kaz Nru. 1809CD

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

UPAP

u

MEPA

dwar nuqqas ta' qbil tal-klawsola 14.6 tal-ftehim kollettiv tal-UPAP u dwar l-assimilazzjoni ta' membri ta' l-Union li jottjenu "degree" meta jkunu gia mpjegati ma' l-Awtorita

Illum it-Tnejn 24 ta' Jannar 2005

**Chairman :** **Is-Sur Carmel Debono**
**Membri:** **Is-Sur Alfred Buhagiar**
**Is-Sur Michael J. Mallia**

### 1. Introduzzjoni

Din it-Tilwima tax-xoghol giet irreferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Dr. Lawrence Gonzi Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata t-3 ta' Ottubru 2003 Referenza : MSP/2/97/27 sabiex dan il-kaz jigi pprocessat skond it-termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002 dwar l-impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

Ghall-Union tal-Professjonisti ta' l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar (UPAP) dehru s-Sur Bernard Ferry, il-President, is-Sur Chris Attard, Vice-

President u s-Sur Adrian Mifsud, Grievance Officer li kienu assistiti mill-Avukat Dr Karmenu Mifsud Bonnici u l-Avukat Dr Owen Bonnici waqt li l-Malta Environment and Planning Authority (MEPA) kienu rapprezentati mis-Sur Matthew Gatt, Director Corporate Services u Ms Nadine Borg, HI Executive assistiti mill-Avv. Dr Vanessa Borg.

It-Tribunal zamm ghaxar (10) seduti.

**2. Xhieda**

Tul is-smiegh tal-kaz xhedu s-segwenti individwi:

| | |
|---|---|
| Bernard Ferry | President tal-UPAP |
| Matthew Gatt | Director Corporate Services |
| Noelle Cardona | Environment Protection Inspector |
| Elizabeth Conrad | Spettur ta' l-Ambjent |
| Ray Attard | Principal Technical Officer |
| Joseph Gerada | Planning Officer Grade B |
| Joseph Bezzina | Grade B Planning Officer |

**3. Dokumenti**

Tul is-smiegh tal-kwistjoni gew esebiti u pprezentati diversi dokumenti.

**4. Il-Fatti**

Il-UPAP jew ahjar il-Union tal-Professjonisti ta' l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, minn issa mgharufa bhala l-Union tghid li l-Artiklu 14.6 tal-Ftehim Kollettiv jghid "when a planning authority employee obtains a first degree that is relative to his/her substantive post, such employee shall be assimilated within Grade A of the Professional Grades".

Il-Management ma jaqbilx ma' l-Union li l-Klawsola msemmija tapplika ghall-persuni li jkunu gew impjegati ma' l-Awtorita li jkollhom diga *degree*.

Il-Management ma jaqbilx ma' l-assimilazzjoni ta' membru ta' l-Union li ottjena *degree* waqt li kien gie impjegat ma' l-Awtorita.

Il-Management jirreteni li l-klawsola 14.6 tapplika ghal dawk il-persuni li jottjenu *a first degree* waqt li diga jkunu impjegati ma' l-Awtorita, izda l-Klawsola ma tapplikax ghall-persuni li jibdew l-impieg ma' l-Awtorita bi kwalifiki ta' gradwat.

Kwindi l-klawsola 14.6 ma tapplikax ghall-impjegat in kwistjoni (Ray Attard) stante li kien diga ottjena *degree* qabel ma gie iffirmat il-Ftehim Kollettiv.

L-Awtorita sostniet li jekk ghall-grazzja ta' l-argument il-klawsola imsemmija kellha tapplika ghall-impjegat in kwistjoni (Ray Attard) peress li dan kien irrifjuta pozizzjoni fi Grad B, l-Awtorita ma ghandiex l-obbligu li toffrilu l-Grad A tal-*Professional Grades* u li kieku dan kellu jigi assimilat illum, din l-assimilazzjoni tibda tapplika mill-illum u ma tkunx retrospettiva.

Fuq suggeriment tat-Tribunal biex iz-zewg *items* fit-Tilwima jigu separati cioe' dik dwar (a) l-interpretazzjoni tal-klawsola 14.6 tal-Ftehim Kollettiv u (b) l-assimilazzjoni tas-Sur Ray Attard ghall-Grad A il-partijiet iltaqaw bejnithom biex jiddiskutu l-possibilta li jaslu fi ftehim dwar Ray Attard.

Sfortunatament ma kienx possibbli li l-partijiet jaslu f'forma ta' ftehim, almenu fuq l-assimilazzjoni ta' Ray Attard.

**5. Kunsiderazzjonijiet**

It-Tribunal Industrijali hu tal-fehma li fi kwistjoni ta' din in-natura tinhass il-htiega li wiehed jara jekk il-klawsola tal-ftehim ikkwotata cioe' 14.6 tirriflettix x'kienu jifhmu l-partijiet u jekk l-applikazzjoni tal-klawsola kienx ekwu fl-interpretazzjoni taghha. Wiehed ma jistax in fatti jinterpreta l-ftehim kollettiv b'mod strettament biss mal-kelma miktuba u jwarrab l-iskop u l-effett li ma jasalx ghall-decizjoni ekwa.

It-Tribunal jifhem u japprezza l-iskop avvanzat mill-Awtorita li trid bil-kliem uzat fil-klawsola 14.6 tohloq interess u ncentiv li  l-ottjeniment ta' kwalifi professjonali jigifieri *degrees* iservu ta' incentiv lill-impjegati biex javvanzaw izda t-Tribunal ma' jistax jara l-validita ta' l-argument li dan japplika biss ghal dawk li jkunu diga mpjegati bla *degree*, izda ma jgawdux minnu dawk li jkunu diga gradwati qabel ma jidhlu jahdmu ma' l-Awtorita.

Anzi t-Tribunal ma jistax jifhem kif l-Awtorita tghid li dan l-avvanz huwa bbazat fuq il-kriterju li dawk li jiehdu l-assimilazzjoni ghall-pozizzjoni oghla jkunu ottjenew esperjenza tax-xoghol.

**Decizjoni**

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatements of case tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti inkluz il-klawsola 14.6 tal-Ftehim Kollettiv bejn il-partijiet, sema u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotta, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali tal-partijjiet isib u jiddeciedi li fic-cirkostanzi t-Tribunal

interpreta l-klawsola 14.6 tal-Ftehim Kollettiv bhala wahda li tippremja lil dawk l-impjegati li jistudjaw u jiggradwaw fl-istess hin m'ghandix tippenalizza lil dawk li jkunu studjaw u ggradwaw qabel ma gew impjegati.

Ghalhekk is-Sur Ray Attard ghandu jigi assimilat fi grad "A" mid-data li dahal *in vigore* l-Ftehim Kollettiv.

Ghall-finijiet ta' drittijiet li jithallsu, t-Tribunal jiffissa dawn fl-ammont ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40) lid-difensuri tal-partijiet.

B'hekk tintemm din it-Tilwima tax-xoghol.

----------------------
Carmel Debono
Chairman

----------------------
Alfred Buhagiar
Membru

----------------------
Michael J. Mallia
Membru